MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 35/2011

**Carmel Joseph Farrugia**

**-vs-**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2011 li permezz tiegħu r-rikorrent premetta:

Illi fid-29 ta' Jannar 2002 hu kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta fuq akkużi ta' ħolqien qarrieqi ta' provi foloz, ħolqien ta' reat, frodi dwar assikurazzjoni, ġurament falz u reċidiva f'delitt.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2007 ma sabitx lill-

esponent ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk illiberatu mill-istess akkużi.  L-Avukat Ġenerali appella.

Illi fil-21 ta' Ġunju 2007 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet limitatament l-appell tal-Avukat Ġenerali billi rriformat s-sentenza appellata billi kkonfermat fejn ma sabitx lill-esponent ħati tal-imputazzjonijiet li waqgħu taħt l-Art. 110(1), 295 u 108 tal-Kodiċi Kriminali u tal-addebitu tar-reċidiva u lliberatu minnhom u rrevokat in kwantu ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni imputazzjoni li waqgħet taħt l-Art 110(2) u minflok iddikjarat li sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni li fid-29 ta' Jannar 2002, iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar u l-Qorti kkundannat lill-esponent sena priġunerija sospiża għal erba' snin;

Illi l-esponenti jissottometti li quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali (presjeduta mill-Onor Imħallef Dr Joseph Galea Debono) ma kellux smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u kien hemm ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tas-7 Protokoll *(ne biss in idem)* tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi r-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ssemmew biss tnejn mill-erba' akkużi u l-addebitu tar-reċidiva.  Fejn kien hemm kapi ta' imputazzjoni u reati distinti u ma kienx hemm aggravju dwarhom, dawn kien legalment saru *res judicata*, u għalhekk l-Onor Imħallef ma setax tardivament jippermetti korrezzjoni li kienet ta' ħsara għall-appellat. Fuq dawk l-akkużi li ma kienx hemm aggravju ta' appell, ma setax jingħad li kien hemm appell minnhom, u għalhekk saru *res judicata*.  Dan hu stabbilit mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi l-Qorti minkejja li ddeplorat bil-qawwa kollha l-istil monk fl-abbozzar ta' rikors tal-appell mill-prosekuzzjoni, inkorrettement ma ddikjaratux null *per se*.  Illi l-Qorti inkorrettement laqgħat l-appell minkejja li ma kienx hemm

in-ness bejn l-aggravji u t-talba għar-revoka tas-sentenza intiera. U sabet ħtija fejn ġuridikament kien hemm *res judicata*.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija marbuta bil-liġi proċedurali u dan hu prinċipju fundamentali tal-*fair trial*. Huma r-*rules of the game*, maħsuba biex jassiguraw ir-regoli minn qabel li kulħadd irid josservahom. Jekk ir-regoli jsiru diskrezzjonali għall-ġudikant, speċjalment meta huwa f'sede ta' appell, u forsi jħoss li ħadd ma hemm fuqu, ikun hemm ksur tal-*fair trial* garantit kemm mill-Kostituzzjoni u kemm mill-Konvenzjoni.

Illi dik l-Onorabbli Qorti bis-sentenza preliminari kienet ħalliet impreġudikata l-kwestjoni jekk kienx hemm ness bejn l-appell mid-diversi kapi u l-aggravji mressqa. Dan hu prinċipju importanti ħafna, għaliex jekk ma jkunx hemm raġunijiet jew aggravji mressqa, imqar b'sentenza waħda għala s-sentenza appellata fuq dik l-imputazzjoni kellha tiġi revokata, ma jistax jingħad li hemm appell.

Illi issa fil-każ in eżami, meta imbaghad l-Onorabbli Qorti tal-Appell ġiet biex teżamina fil-mertu, din ir-riserva nsietha għal kollox, qisha qatt ma tqajmet. Ifittex kemm ifittex wieħed biex isib d-deċiżjoni tal-Qorti fuq dan il-punt ma jsib xejn.

Anzi jsib kontradizzjoni manifesta.

Illi l-uniku aggravju li qajjem l-Avukat Generali kien li l-Qorti tal-Maġistrati, li kienet diġa' ġġudikat u sabet ħtija f'persuna oħra, ma emmnitx lill-istess persuna biex issib ħtija fl-esponenti.

Illi biżżejjed li wieħed jara l-paġna 12 tas-sentenza. Jirriżulta manifestament li l-Qorti tal-Appell qalet li l-*"Għalhekk danl-aggravju ma jreġġix fil-fehma tal-Qorti"*. U jekk tneħħi dan l-aggravju, x'kien baqa' bħala aggravji?

U jekk waqa' l-uniku aggravju, kif seta' proċeduralment u skond regoli *fair*, tiġi revokata sentenza, anke jekk in parti. Il-proċedura ma ġietx osservata bi skapitu tal-esponenti.

Illi manifestament il-Qorti tal-Appell Kriminali użatt atti bħala prova li ma kenux bejn qoxra u oħra tal-proċess. Ħadet in konsiderazzjoni depożizzjoni ta' ko-imputat (oriġinarjament) u anke fil-fatt li dan ġie misjub ħati bħala bażi tal-ħtija tal-esponenti. Dan hu strapp qawwi tal-garanziji proċedurali tal-*fairness* tat-*trial* peress li s-sistema tagħha timponi li l-ġudizzju jinbena *"iuxta alligata et probata"*.

U peress illi l-istess Carmel Joseph Farrugia ġie nterrogat mill-Pulizija mingħajr l-assitenza legali u għalhekk ma setax isir l-ebda użu mill-istqarrija tiegħu kif il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-fatt għamlet illi għamlet apprezzament jekk weġibx tajjeb jew le, u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu taħt l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(1) tiddikjara
Bniedem;

(2) tħassar is-

(3) tagħtih kumpens xieraq għall-vjolazzjonijiet lamentati;

(4) Li jiġi dikjarat ukoll illi kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea meta l-Qorti tal-Appell għamlet analiżi fuq l-*istatement* tal-esponenti meta ma kellux assitenza legali konsegwentement l-istess *statement* ma kienx produċċibbli jew utiliżżabbli minn kwalunkwe aspett.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrent u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat, l-Avukat Ġenerali preżentata fit-8 ta' Lulju 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari, in kwantu r-rikorrent qiegħed jittenta juża din il-proċedura Kostituzzjonali bħala mezz biex jappella minn deċizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali u li llum hija *res judicata*, u jlibbisha b'libsa Kostituzzjonali, din il-proċedura hija frivola u vessatorja u tabbuża minn din il-proċedura straordinarja Kostituzzjonali;

2. Illi preliminarjament ukoll, ikun opportun li jiġu allegati l-atti ta' natura kriminali kollha sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha quddiemha dak li seħħ fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent;

3. Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost l-intimat, kuntrarju għal dak sostnut mir-rikorrent, jiċħad li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-21 ta' Ġunju 2007 tmur b'xi mod kontra l-provvedimenti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (1) u taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem, u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

a. Illi r-rikors tal-appell tiegħu, għalkemm huwa minnu li fil-premessi inizzjali l-Avukat Ġenerali elenka b'mod inkomplet l-akkuzi kontra l-appellat, l-aggravju *per se* kien jirreferi u jolqot – għalkemm b' mod konċiż – l-akkużi kollha miġjuba kontra l-appellat. L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali fl-imsemmi appell kien jikkonsisti:

*"filli l-ewwel Qorti għamlet apprezzament tal-provi żbaljat, stante li l-provi kienu juru biċ-ċar il-ftehim li kien hemm bejn Anthony u Carmel Farrugia. Illi l-fatt li Carmel Farrugia, fl-isfond tal-provi innega, kien kompletament mhux kredibbli. Illi jiġi rilevat li b' sentenza tal-Qorti tal-*

*Maġistrati tat-30 ta' Ġunju, 2003 Anthony Farrugia kien instab ħati dwar dan il-każ u l-Qorti emmnet il-verżjoni tiegħu. Illi issa ma emmnitiex. Illi bir-rispett dan mhux konsistenti";*

b. *Oltre* l-fatt li l-aggravju kien qed jolqot l-akkużi kollha miġjuba kontra l-appellat, il-fatt li l-appell kien qed isir mis-sentenza **intiera** huwa wkoll evidenti mit-talba fl-imsemmi rikors tal-appell fejn l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tirrevoka s-sentenza tat-23 ta' Jannar 2007 fit-totalita' tagħha u ssib ħtija u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

c. Illi permezz ta' deċiżjoni preliminari tas-26 ta' April 2007, dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nullita' tar-rikors tal-appell mressqa mill-appellat, *"għaliex a bażi ta' dak li ntqal fit-trattazzjoni orali mill-Prosekutur, l-appell kien limitat għall-imputazzjonijiet li jidhru fir-rikors, u ċjoe' tnejn mill-ħames akkużi"* l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet li *"ma tistax tiddikjarah null per se"*. Dan in vista tal-fatt li ***"it-talba saret korrettement għar-revoka u gie osservat il-vot tal-Art. 419 (1) (c) tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li fl-ewwel paragrafi tar-rikors ma ssemmewx l-akkuzi kollha u l-addebitu msemmi, ma jimpurtax in-nullita' tar-rikors tal-appell"***; (enfasi tal-esponent)

d. Illi fid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Ġunju 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali, *in linea* ma' l-aggravju tal-appellat, sabet li peress li fir-rigward tat-tielet u r-raba' akkuża u l-addebitu tar-reċidiva ma kienx hemm provi, kien jibqa' biss l-imputazzjonijiet dedotti taħt l-artikolu 110 (1) u (2) tal-Kap. 9 u sabet li *"mill-assjem tal-provi din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti kellha legalment u raġjonevolment issib ħtija fl-appellat għar-rigward tat-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 110 (2). Konsegwentement din il-Qorti tħoss li għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni biss u tikkonkludi li lappellat hu ħati ta' din l-imputazzjoni"*;

e. Illi effettivament il-Qorti tal-Appell Kriminali waslet biex tilqa' l-appell propju a bażi tal-aggravju espost fir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali u xejn aktar, u ċjoe' li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tal-provi żbaljat. Isegwi li kull allegazzjoni tar-rikorrent fis-sens illi ma hemmx ness bejn l-aggravji u t-talba għal revoka tas-sentenza interia, hija bir-rispett kollu infondata;

f. Illi l-fatt li r-rikorrent ma jaqbilx ma' l-apprezzament tal-fatti u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma jfissirx li ma kellux *fair trial* kif qed jallega fir-rikors promutur;

g. Illi *inoltre*, ma jirriżultax li *"L-Onor Imħallef ... tardivament ippermetta korrezzjoni li kienet ta' ħsara għall-appellat"* kif qed jallega r-rikorrent fir-rikors promotur;

h. Illi għar-raġunijiet suesposti kif ukoll mill-atti proċesswali huwa ċar li fl-ebda waħda mid-deċiżjonijiet tal-Appell Kriminali ma hemm xejn li jledi d-drittijiet tar-rikorrent kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u / jew l-Artikolu 6 (1) u / jew taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem;

i. Illi speċifikament dwar l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tan-*ne bis in idem*, l-esponent jissottometti li abbazi tad-dottrina u l-ġurisprudenza nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja, id-deċiżjonijiet tal-Appell Kriminali in kwistjoni bl-ebda mod ma jiksru dan id-dritt in kwantu dik l-Onorabbli Qorti ma fetħitx proċess mill-ġdid iżda sempliċement irrevokat sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skond ma tipprovdi u tippermetti l-liġi tal-proċedura;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar ir-rimedji mitluba, l-esponent jissottometti li *dato ma non concesso*, f'każ li din l-Onorabbli ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, m'hemmx lok għal kumpens.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent *stante* li ma hemm l-ebda ksur ta' artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u / jew l-Artikolu 6 (1) u / jew taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-intimat, l-Avukat Ġenerali u l-lista tax-xhieda.

Rat iż-żidiet fir-rikors awtorizzati minnha;

Rat id-digriet tal-11 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu gie allegat il-proċess tal-kawża msemmija, u sussegwentement rat l-atti tal-istess kawża;

Rat ukoll ir-risposta ulterjuri tal-intimat, l-Avukat Ġenerali preżentata fit-13 ta' April 2012 fejn ġie eċċepit:

Illi mingħajr preġudizzju u b'żieda mar-risposta tal-esponent tat-8 ta' Lulju 2011, l-esponent jissottometti li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

1. Illi bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq meta bniedem jkun akkużat b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq minħabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija, dejjem ikkwalifikat il-ġudizzju tagħha u rriteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali, allura l-persuna għandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-esponenti jirrileva li ċertament mhux il-każ li l-Qorti Ewropea rriteniet li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura

awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq;

2. Illi *inoltre* u dejjem mingħajr preġudizzju, il-proċeduri kriminali li għalihom qed issir referenza fir-rikors promutur huma illum *res judicata* u *in linea* ma l-osservazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nostrali fil-kawża fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina vs Mark Lombardi"** deċiża fit-12 ta' April 2011 u **"Simon Xuereb vs l-Avukat Ġenerali"** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru 2011 "il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea iżda m'għandiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-deċiżjonijiet li llum huma *res judicata*. Din hi l-istess linja li ħadet il-Qorti Ingliża fil-każ ta' Cadder ... *"The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined"*;

3. Illi *di piu*, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imġiegħel u jagħmel id-dikjarazzjonijiet li ta matul l-investigazzjonijiet. F'kull każ, ir-rikorrenti ngħata t-twissija skond il-liġi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. Illi l-istess rikorrent kien qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jisab fiha;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponent jissottometti ulterjorment li fl-ebda waqt tal-proċeduri ma ġiet attakkata l-validita' jew il-volontarjeta' tal-istqarrija da parti tar-rikorrenti iżda kien biss wara aktar minn ħdax-il sena mir-rilaxx ta' tali stqarrija permezz tal-proċeduri odjerni li qed tiġi attakata l-istqarrija għax allegatament ittieħdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Effettivament, matul il-proċeduri kriminali li jirreferi għalihom ir-rikorrenti fir-rikors promutur, huwa qatt ma oppona għall preżentata ta' l-istess stqarrija fil-proċess kriminali, u issa **wara li l-proċeduri kontrih ilhom *res judicata* erba' snin u disa' xhur**, qiegħed iqajjem din il-lanjanza Kostituzzjonali;

5. Illi fil-każ odjern huwa importanti ferm li jiġi sottolineat li kien hemm provi diretti u skjaċċanti kontra l-appellat li jikkorraboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni u li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat meta waslet għad-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Ġunju 2007 kif jirriżulta mill-proċess kriminali kif ukoll mill-provi li se jitressqu matul is-smigħ ta' dan ir-rikors Kostituzzjonali;

6. Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li d-dritt ta' smiegħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bħalma qiegħed jittanta jagħmel ir-rikorrent fejn qed jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat l-affidavits u semgħet ix-xheda;

Rat in-noti ta' sottomisjonijiet;

Rat l-atti tal-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali msemmija fir-rikors, liema atti ġew allegati mal-proċess ta' din il-kawża permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April 2012 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Illi kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti qed jallega li fil-proċeduri msemmija ġew miksura d-drittjiet fundamentali tiegħu. Dan għaliex skond ir-rikorrenti, wara li huwa ġie liberat mill-Qorti tal-Maġistrati il-Qorti tal-Appell ħadet numru ta' deċiżjonijiet, kompriża s-sentenza finali li kienu lesivi tad-drittijiet tiegħu; l-ewwel meta ma ddikjaratx l-appell null u allura skond hu aċċettat żieda fir-rikors tal-appell; qed jillamenta ukoll mill-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali interpretat statement tiegħu u tal-koakkużat tiegħu u finalment li ma kellux assistenza legali waqt l-

interrogatorju tiegħu. Huwa qed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 6 (1) u taħt 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**L-Artiklu 39** jghid hekk illi:

*"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*(2) Kull Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull Qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew lestensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorita' ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-Qorti jew awtorita' oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku."*

**L-artikolu 6 (1)** imsemmi jgħid illi:

*"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

**L-artikolu 4** tas-seba' protokol jgħid illi:

*"1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġa' ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.*

*2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skond il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ."*

Il-Qorti qabel xejn tagħmilha ċara li taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimat illi ħafna mill-lanjanzi tar-rikorrenti jirreferu għall-interpretazzjonijiet li tat il-Qorti tal-Appell li jekk ma humiex favorevoli għalih, b'daqshekk ma jfissirx li kisru xi drittijiet fundamentali tiegħu. *"Il-funzjoni tal-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostitizzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea."* (**"JEM Investments Limited vs Avukat Generali et" –** Qorti Kostituzzjonali, tad-9 ta' Novembru 2010).

Illi dan japplika wkoll għar-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li meta l-Qorti tal-Appell Kriminali purke kkundannat il-mod skeletriku li bih ġie abbozzat ir-rikors tal-Appell, ma ddikjaratux null u għamel dan għaliex fil-fehma tagħha, ir-rikors kellu biżżejjed rekwiżiti biex ma jiġix dikjarat null.

Illi l-Qorti filwaqt li taqbel mar-rikorrenti li l-fatt li kawża għaddiet in ġudikat ma jfissirx li ma tistax tiġi eżaminata fir-rigward ta' kawżi simili, ġja' għamlitha ċara f'kawżi oħra illi ma hux il-kompitu tagħha. Fil-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Nazzareno Muscat vs Avukat Ġenerali"** (12 ta'

Ottubru 2009) din il-Qorti (b'referenza għal talba simili dwar kawża ċivili) qalet illi:

*"Il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti qed jirrikorru għal dan l-espedjent sempliċement għaliex ma kienux kuntenti bis-sentenza finali u qed jerġgħu jippruvaw jibdewha mill-ġdid. Dan imur għal kollox kontra l-ordni pubbliku għaliex ma jistax ikun il-kawżi jiġu perpetwati b'dan il-mod. Il-kunċett tar-res judicata huwa infatti ta' ordni u interess pubbliku – iħares iċ-ċertezzi tad-drittjiet li ġew definit b'sentenza, ibiegħed il-possibbilta' ta' sentenzi ma jaqblux jew imorru kontra xulxin u tagħlaq il-bieb għall-kwistjonijiet li jkunu ġew stabbiliti b'sentenza"* – (**"Galea vs Falzon"** – Prim' Awla – deċiża fis-7 ta' Frar 2002).

*"Sentenza li għaddiet inġudikat ma tistax tiġi attakkata b'nullita' fuq bażi ta' xi difett proċedurali fl-otteniment tagħha. Jekk dik is-sentenza la tiġi appellata u lanqas ritrattata tgħaddi in ġudikat b'mod li ma tkunx iżjed tiġi attakkata u hija irrevokabbli.*

*Meta l-imsemmija sentenza għal raġunijiet li jafhom l-appellant la tiġi appellata u lanqas intalbet ritrattazzjoni tagħha u illum skada kull żmien għal ritrattazzjoni hija assumiet karattru ta' veraċita' billi għaddiet irrimedjabbilment in ġudikat u llum ma hawnx rimedju legali biex il-konklużjoni mertu ta' dik is-sentenza tinfetaħ mill-ġdid."* (**"Alfred Caruana vs Angelo Caruana"** – Appell Civili, deċiż fis-6 ta' Marzu 1991).

Illi din is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-istess appell fil-31 t'Mejju 2010 u fost l-oħrajn iċċitat lill-awturi Jacobs and White (The European Convention on Human Rights, paġna 140) li qalu illi:

*"Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or*

*national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.*

*The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*

Illi kif ġja' ngħad dan intqal dwar kawża ċivili iżda l-kunċett ta' *res judicata* japplika wkoll għall-kawża kriminali u dan mhux għal benefiċċju tal-akkużat biss. Il-Qorti eżaminat il-lanjanzi tar-rikorrenti u waslet għall-konklużjoni li l-Avukat Ġenerali għandu raġun jilmenta li dawn il-lanjanzi kollha – *eccetto* dik li ma kellux assistenza legali waqt li kien qed jigi interrogat – jirrigwardjaw interpretazzjonijiet tal-Qorti tal-Appelli Kriminali li bl-ebda mod ma jfissru li nkiser xi dritt fundamentali tar-rikorrent. L-allegazzjoni tiegħu li l-Imħallef sedenti ma setax sema t-*tape* ma jfissirx li l-istess ġudikant ma eżaminax it-traskrizzjoni tal-istess *tape* li wasslitu għall-konklużjonjiet tiegħu.

Illi kwantu għal fatt, mhux kontestat li r-rikorrenti ma ġiex assistit minn Avukat waqt li kien qed jiġi interrogat din il-Qorti, diversament preseduta kellha okkażjoni tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni fil-kawża fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Mark Lombardi"** (deċiża fid-9 ta' Ottubru 2009). Għalhekk il-Qorti se tagħmel riferenza estensiva għal din is-sentenza u wara tapplika l-insenjament tagħha għall-każ odjern.

Illi dakinhar, bħalma għamel fil-każ odjern iżda fi kliem mhux eżattament l-istess, l-intimat fost affarijiet oħra għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem fil-kawża **“Imbroscia vs Svizzera”** fejn intqal illi:

*“The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special feature of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.”*

Illi l-każ l-aktar ċelebri fir-rigward – dak ta’ **“Salduz vs Turkija”** ġie msemmi fl-istess risposta ta’ Lombardi b’ dan il-mod:

*“Fil-każ **“Salduz vs Turkey”**, il-fatti kienu differenti mill-każ odjern. L-ewwelnett it-Turkija kellha liġi li tirregola l-materja. Jingħad ukoll illi Salduz kien minorenni fiż-żmien tal-każ u kien hemm ukoll allegazzjoni ta’ trattament ħażin tiegħu waqt l-interrogazzjoni u li tal-istqarrija tiegħu meta mġiegħel.”*

Illi din il-Qorti allura ċċitat kemm is-sentenza ta’ **“Salduz** – *“Although article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of the police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention may be subject to restriction for good cause. The question in each case is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing …”* u kemm is-sentenza **“Plonka vs Polonja”** (deċiża fil-31 ta’ Marzu 2009) fejn ingħad hekk: *“The Court reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer ... is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless article 6 (3) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to the contracting states the choice of the means of ensuring that is secured in their judicial system, the Court’ s task being*

*only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial, In this respect, it must be remembered that the convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory, but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused."*

Illi l-Qorti allura kkonkludiet illi l-fatt waħdu li persuna ma tkunx assistita minn Avukat ma jwassalx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u *biex ikun hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jrid jiġi kunsidrat il-proċess ġudizzjarju kollu u mhux jiġu kkunsidrati l-istqarrijiet 'in isolation'. Jekk fi tmiem il-ġbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkużat tkun l-istqarrija tiegħu allura l-Qorti li trid tiddeċiedi l-każ, trid toqgħod attenta għax sejba ta' ħtija jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqies dik is-sentenza bħala 'unsafe'.*

Illi ta' min iżid pero' illi din is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali rrevokatha u finalment ddeċidiet li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-akkużat. (12 ta' April 2011).

Illi din il-Qorti ukoll fil-proċeduri **"Pulizija vs Pullicino"** ppronunzjat sentenza fl-24 ta' Frar 2012 fejn laqgħet il-lanjanza tal-akkużat u qalet illi:

*"Il-Qorti fil-każ in eżami tħoss li kuntrarjament għall-każ ta' Lombardi, f'dan il-każ hemm żewġ fatturi fil-każ tar-rikorrenti li kienu mankanti f'dak il-każ. L-ewwelnett ir-rikorrenti kien minorenni meta ġie interrogat; u it-tieni, il-prosekuzzjoni ġja' ddikjarat illi ma għandhiex aktar provi u allura l-unika prova fil-konfront tar-rikorrent hija appuntu l-istqarrija tiegħu. Kif jidher mis-sentenzi ċitati, wieħed irid jara l-proċess kollu u l-proċess kollu jikkonsisti biss fil-fatt li l-prosekuzzjoni pproduċiet stqarrija magħmula mill-akkużat li kien minuri meta ġie nterrogat. Huwa veru li huwa ma allegax li ġie maltrattat waqt l-interrogazzjoni iżda fil-każ in eżami wieħed mhux qed jitkellem dwar xi persuna mdorrija tkun miġbura mill-Pulizija iżda tifel ta'*

*sbatax-il sena b'fedina penali altrimenti netta u allura jidher li din kienet l-ewwel darba għalih li kien arrestat. Minorenni f'din is-sitwazzjoni aktar iva milli le jkun intimidat mill-istess preżenza ta' numru ta' uffiċjali tal-pulizija f'ambjent minnu innifsu stramb għalih, jekk ma jkollu lil ħadd min jgħinu u li fih jista' jafda. Mhux ġust li jiġi nterrogat, anke jekk dan isir bl-aktar mod delikat, mingħajr ma jkollu assistenza. F'ċertu pajjiżi mhux leċitu li wieħed jinterroga minorenni mingħajr il-preżenza tal-persuna li jkollha l-kustodja tiegħu jew tagħha. Għalhekk tenut kont ta' kollox, il-Qorti taqbel li r-rikorrent kellu d-drittijiet fundamentali tiegħu sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea miksur."*

Illi jidher ċar pero' mis-sentenza finali tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' **Lombardi** li fil-fehma tal-istess Qorti n-nuqqas ta' assistenza legali oġġettivament tippriva lill-akkużat minn smigħ xieraq u għalhekk wieħed jista' jgħid illi minn dakinhar il-pożizzjoni tal-ġurisprudenza tagħna kellha tieħu dik il-linja. Madankollu l-istess Qorti għamlitha ukoll ċara illi *"Din il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea pero; ma għandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-deċiżjonijiet li huma 'res judicata"* – bħalma huwa l-każ odjern. Għalhekk il-Qorti se timxi fuq din il-linja wkoll u kwindi ma tkomplix tiddelibera aktar.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzonjiet tal-intimat u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------